MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 573/2001/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance p.l.c. surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Edmund Barbara**

**Vs**

**Gollcher Company Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Confrieght Belguim N.V. u bhala operatrici ta' "bonded stores".**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lis-socjeta' konvenuta proprio et nomine sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta’ attrici noe fil-kwalita’ taghha premessa s-somma komplessiva ta’ erba’ mija u erbgha u ghoxrin Liri Maltin tnejn u sittin centezmu (Lm424.62c0), in linea ta’ danni wara li kif obbligata din sborsat dak l-ammont favur l-assikurat taghha Edmund Barbara bhala konsegwenza ta’ nuqqas li garrab minn konsenja ta’ “hand tools” li waslet Malta fit-28 ta’ Gunju tas-sena 2000, go “groupage container” li kien trasportat mill-bastiment Texas – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan in-nuqqas kienet responsabbli s-socjeta’ konvenuta fil-kwalitajiet premessi jew liema minnhom;**

**2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ April tas-sena 2000, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’din l-imsemmija ittra ufficjali, kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota datata t-28 ta’ Gunju tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta, fil-kwalitajiet taghha premessi eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici billi l-assikurat li ssurogaha fid-drittijiet tieghu ma’ kellu ebda sehem fil-kuntratt ta’ garr;**

**2. Illi subordinatament u fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi la s-socjeta’ trasportatrici Confrieght Belgium NV u lanqas is-socjeta’ Gollcher Company Limited bhala operatrici tal-“bonded store” ma hija responsabbli ghan-nuqqasijiet lamentati;**

**3. Illi fi kwalunkwe kaz u f’kaz biss li din il-Qorti tiddeciedi illi s-socjeta’ konvenuta hija b’xi mod responsabbli ghad-danni pretizi, l-ammont ta’ danni ghandu jigi limitat ai termini tal-polza ta’ kariku;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datata s-26 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-Magistrat li kien hemm qed jippresjedi astjena milli jkompli jisma' l-kaz ghar-ragunijiet hemm indikati;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-assigurat tas-socjeta' attrici nomine isostni li mporta l-merkanzija mertu ta' din il-procedura u rcevihom fit-28 ta' Gunju tas-sena 2000;**

**2. Illi din il-merkanzija kienet destinata ghal certu George Mifsud, li tieghu allura l-assikurat Barbara kien qed jagixxi bhala agent;**

**3. Illi l-istess assigurat isostni li l-merkanzija ingabret minn Marsaxlokk mill-burdnar li kien qed jagixxi kemm f'ismu kif ukoll f'isem l-imsemmi Mifsud;**

**4. Illi l-imsemmija, merkanzija ingabet Malta fi 'groupage container' u l-istess assigurat isostni li t-trasport ma kienx biss ha hsiebu hu izda kien ukoll xtara "C.T.F.";**

**5. Illi t-trasport ta' din l-istess merkanzija kienet responsabbli ghaliha s-socjeta' "Confreight Belguim N.V." u l-avviz li l-merkanzija twasslet Malta**

**gie mibghut lill-assigurat Barbara mis-socjeta' konvenuta;**

**6. Illi meta l-merkanzija twasslet fid-destinazzjoni taghha instab li kien hemm kwantita' nieqsa liema kwantita' kienet tammonta ghas-somma indikata fl-avviz odjern;**

**7. Illi in vista tar-repudjazzjoni tar-responsabbilita' tas-socjeta' konvenuta l-assigurat Barbara kien kostrett jirrikorri lis-socjeta' assiguratrici tieghu li ghamlet tajjeb ghad-danni minnu sofferti;**

**8. Illi jirrizulta mid-dokumentazzjoni pprezentata li effettivament il-merkanzija de quo giet imwassla Malta intatta stante li m'hemm l-ebda nuqqas indikat fil-"Bill of Lading" in dizamina;**

**9. Illi d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet jirrizultaw wara li l-"container" de quo kien lahaq ghamel mit-28 ta' Gunju tas-sena 2000 sat-2 ta' Lulju tas-sena 2000 fil-"bonded stores" tas-socjeta' konvenuta fejn hi responsabbli ghad-diskrepanzi de quo;**

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi izda dan biss fil-konfront tas-socjeta' konvenuta fil-kwalita' taghha ta' operatrici ta' "bonded stores" u konsegwentement filwaqt li tillibera lis-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Confreight Belguim N.V. kawntu estranea ghall-akkadut, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Gollcher Company Limited bhala operatrici ta' "bonded stores" biex thallas l-ammont ta' erba' mija u erba' u ghoxrin Liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm424.62c0), lis-socjeta' attrici Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance p.l.c. surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Edmund Barbara, bl-ispejjez.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------